**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 t'April 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**Karl Lewis Cardona**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Karl Lewis Cardona ta' 28 sena, iben Mario u Nathalie nee' Fiott, imwieled Marsaskala nhar it-13 ta' Settembru 1991, residenti 15, St. Paul, Triq Alexander Hamrun, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 0467391M.

Akkuzat talli nhar is-16 t' Awwissu 2019 ghall-habta tat-tmienja u nofs u hamsa ta' filghaxija (20:35hrs) u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-fond 15, St Paul, Triq Alexander il-Hamrun:

1. B'diversi atti maghmula minnu li gew maghmula fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda gieghel lil

sebat iklieb jsofru minn ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u abbanduna dawn l-annimali.

2. u aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala il-persuna responsabbli tal-klieb imsemmija naqas li jiehu dawk il-passi ragjonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura sabiex il-htigijiet tal-imsemmija annimali li kien responsabbli ghalihom jew li qabel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif kien mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimali msemmija.

3. u aktar talli fl-istess zminijiet, gewwa dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu il-klieb hawn fuq imsemmija naqas milli jidentifikahom elettronikament fuq ismu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija flimkien mal-pieni preskritti tordna li l-imputat ihallas l-ispejjez imgarrba ghat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess mahrug ghall-operat ta' kull attivita regolata taht l-Att u ghal spejjez ohra ragonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq ai termini tal-Artikolu 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Rat li fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tlett snin prigunerija u hamsa u sittin elf Euro (€65,000) multa u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumentiipprezentati.

7. Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-probation Odelsie Vella Bayliss u rat ir-rapport taghha fil-konfront tal-imputat.

8. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti dwar il-htija**

9. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

10. Rigward l-ikkalibrar tal-piena hija hadet in konsiderazzjoni li ghalkemm meta nbdew dawn il-proceduri kriminali l-fedina penali tieghu kienet wahda netta, fil-mori ta’ dawn il-proceduri huwa kellu kundanna ghal reat relatat maz-zamma tas-sanita fir-residenza tieghu. Huwa ikkommetta dan ir-reat fl-istess zmien tar-reati in kwistjoni.

11. Ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat ma jistghax jinghad li kienet wahda bikrija, xorta jibqa’ l-fatt li hu ma kompliex jahli r-rizorsi ta’ din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

12. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat kellu problemi ta’ sahha mentali li huwa indirizza fil-mori ta’ dawn il-proceduri, u ghadu qed jindirizza. Il-professjonisti li qed isegwuh huma kuntenti bil-progress kontinwu tieghu fir-rigward, u bl-impenn tieghu li jistabilizza hajtu.

13. Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficjal Prosekutur qal ukoll li l-imputat nehha l-annimali li kellu minn jeddu.

14. Il-Qorti hija tal-opinjoni li dawn l-isforzi tal-imputat u l-progress sostanzjali li ghamel f'hajtu haqqhom li jigu rikonoxxuti u inkoraggiti u ghalhekk piena karcerarja certament mhix wahda idonea f'dan il-kaz.

15. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat huwa kandidat idoneu sabiex iwettaq ordni ta' servizz fil-komunita. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tali ordni hija l-aktar wahda idonea, ghaliex mhux biss l-imputat jaghti kontribuzzjoni lura lill-kommunita, imma huwa jzomm ruhu wkoll f'hajja ta' bzulija. Il-Qorti hija wkoll tal-opinjoni li jkun ghaqli li din l-ordni tkun abbinata ma' Ordni ta' Probation.

**Konkluzjoni**

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 8(2)(3) u (4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 5(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 437.101 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446, tordna li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum, u li jobdi ordni ta' servizz fil-kommunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal sittin (60) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

17. Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhhom jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

18. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza flimkien mal-ordni ta' probation u l-ordni ta' servizz fil-kommunita lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**